**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**MR. ALFRED PERINI**
**DR. ANDREW SCIBERRAS**

**Illum 6 ta' April 2017**

**Rikors Numru. 58/15**

**Jean Pierre Caruana**

**Vs**

**Transport Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ipprezentat minn **Jean Pierre Caruana** fl-10 ta' Novembru 2015 li permezz tieghu ppremetta s-segwenti:-

*"*

1. *Illi permezz ta` decizjoni mehuda mill-Awtorita` intimata appellata, liema decizjoni giet ikkomunikata lill-avukat sottoskritt nhar il-hamsa (5) ta` Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015), l-istess Awtorita` ddecidiet li tirrevoka l-licenzja tas-sewqan tal-appellant, liema licenzja tas-sewqan kienet wahda ta` prova (kopja ta` din l-ittra qeghda tigi hawn annessa u mmarkaata bhala Dok. 'A');*

2. *Illi r-raguni primarja ghalfejn l-Awtorita` appellata ddecidiet li tirrevoka l-licenzja tas-sewqan tal-appellant kien propju ghaliex l-Awtorita` qed tallega li l-appellant akkumula varji punti minhabba xi kontravenzjonijiet li huwa wehel matul is-snin;*

3. *Illi l-appellant ihossu aggravat minn tali decizjoni, u a tenur tal-Artiklu 40 tal-Kapitlu 499 tal-Ligijiet ta` Malta, fiz-zmien ghoxrin (20) gurnata minn meta gie notifikat b'tali decizjoni, qieghed jintavola dan l-appell quddiem dan l-Onorabbli Tribunal;*

4. *Illi l-aggravju tal-appellant huwa wiehed car u manifest:-*

a. *F'dak li jikkoncerna l-procedura adoperata fir-rigward ta` licenzji ta` sewqan ta` prova, jinghad illi l-Artiklu 38 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18, tipprovdi s-segwenti:*

*Sewwieqa ġodda li jgħaddu mit-testijiet tas-sewqan jingħataw liċenza tas-sewqan bi prova, meta jħallsu d-dritt, għal perijodu ta' tliet snin. Il-liċenza tas-sewqan bi prova tkun magħmula minn żewġ taqsimiet, jiġifieri card tal-plastik bir-ritratt u l-kontroparti fuq il-karta.*

b. *Apparti dan, jixtieq jigi sottolineat ukoll l-Artiklu 40 (1) (2) u (3) huma kkunsidrati bhala l-qofol tal-appell odjern. Fil-fatt dawn il-provvedimenti jipprovdu wkoll illi:*

*(1) Għal kull kontravenzjoni, għadhom jiġu imposti mill-Qorti tal-Maġistrati jew mill-Kummissarji tal-Ġustizzja, skond il-każ, punti ta' penali kif jidher fis-Sitt Skeda, u dawn jiġu mniżżla fil-kontroparti tal-liċenza tas-sewqan bi prova li jkollu s-sewwieq.*
*(2) Id-detentur tal-liċenza tas-sewqan bi prova jkun meħtieġ jippreżenta l-kontroparti tal-liċċnza tas-sewqan bi prova lill-Awtorità, fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mid-data minn meta jinstab ħati tal-kontravenzjoni, jew fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn meta jħallas il-penali kif hemm provdut fl-artikolu 25 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku jew fl-artikolu 14 ta' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, kif ikun il-każ, biex jitniżżlu l-punti ta' penali fuq dik il-kontroparti. Kap. 65. Kap. 291.*
*(3) Fejn id-detentur jammetti r-reat u jħallas il-penali relevanti skond il-proċedura speċjali stabbilita fl-artikolu 62 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku jew fl-artikolu 14 ta' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, kif ikun il-każ, l-Awtorità għandha tniżżel, fuq il-kontroparti tat-liċenza tas-sewqan bi prova tas-sewwieq, il-punti minimi ta penali kif indikat fis-Sitt Skeda għall-kontravenzjoni partikolari.*

5. *Illi fir-rigward ta` punt 4a msemmi aktar il-fuq, jibda biex jinghad illi l-appellat qatt ma gie pprovdut il-kontro-parti tal-licenzja tas-sewqan fejn jigu mnizzla l-punti tal-kontravenzjonijiet. Fil-fatt, anke l-ligi stess tghid li din il-kontro-parti ghandha sservi bhala prova lis-sewwieq tal-punti li gew akkumulati fir-rigward ta` kontravenzjonijiet;*

6. *Illi fir-rigward ta` punt 4b, l-appellant jiddikjara umilment illi tul dawn l-ahhar snin, huwa qatt ma gie kkuntatjat mill-Awtorita` appellata sabiex jigu mnizzla l-punti tal-kontravenzjonijiet fuq il-kontro-parti tieghu u jew biex javzawh li lahaq il-puntegg massimu ta` kontravenzjonijiet. L-uniku darba li l-appellant gie kkuntatjat mill-Awtorita` kien propju fit-tnax (12) ta` Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) meta l-istess Awtorita` kienet qaltlu biex jattendi gewwa l-ufficini taghha u nfurmatu bil-fomm li l-istess licenzja kienet giet revokata. Wara dak, l-Awtorita` tenniet id-decizjoni taghha bil-miktub permezz tal-ittra sub-indikata;*

7. *Illi jixtieq jigi sottolineat ukoll illi l-ligi hekk kif inhi elenkata fil-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 hija wahda cara u ma thalli l-ebda dubju fuq l-intendiment tal-legislatur. Fil-fatt, anke l-Awtorita` nnifisha fl-ahhar ittra taghha ghamlet referenza ghall-Artikli supra citati. Pero` l-problema undubjament ticcirkonda l-fatt li l-Awtorita` ma segwietx il-procedura menzjonata fl-istess Artikoli. Dan qed jinghad ghal zewg ragunijiet – 1. L-Awtorita` nnifisha qatt ma ndikat il-puntegg fuq il-kontro-parti tal-licenzja tas-sewqan mizmuma mill-appellant u 2. L-Awtorita` naqset milli tinforma formalment lill-appellant bid-decizjoni taghha;*

8. *Illi fir-rigward ta` kontravenzjonijiet allokati fuq il-licenzja tal-appellant, jixtieq jinghad ukoll illi l-Awtorita` apparti li naqset milli tosserva d-dispozizzjonijet legali, hija naqset ukoll milli tivverifika jekk l-istess kontravenzjonijiet sarux mill-appellant innfisu jew*

*minn persuni ohra. Fattwalment, dawn il-verifiki ma sarux ghaliex li kieku saru, kien jirrizulta immedjatament li kien hemm persuni ohra li kienu qed jaghmlu uzu tal-vetturi tal-appellant u li hafna minn dawn il-kontravenzjonijiet kienu qed jakkumulaw propju meta l-appellant ma kienx jaghmel uzu tal-vetturi tieghu;*

9. *Illi apparti dak premess, l-appellant jiddikjara wkoll illi l-istess Awtorita` appellata hargitlu certifikat tal-customer care fit-tnejn u ghoxrin (22) ta` Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) liema certifikat jirrigwarda permess ghax-xuffiera ta` vetturi tal-passiggieri zghar u ghal kucciera tal-Karozzini. Kopja ta` dan ic-certifikat qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'B'. Dan ic-certifikat qed jingieb ghall-attenzjoni ta` dan l-Onorabbli Tribunal propju ghaliex l-Awtorita` appellata taghmel il-verifiki taghha fuq il-licenzji tal-applikanti qabel ma jinhareg dan it-tip ta` certifikat. Izda jidher li l-Awtorita` kienet sodisfatta bil-partecipazzjoni tal-appellant f'tali kors li pprovdietlu tali certifikat. Kieku seta` kien hemm xi problema bil-licenzja tas-sewqan tieghu, certament ma kienx ser jigi pprovdut l-imsemmi certifikat;*

10. *Illi fl-ahharnett, ma jistax ma jigix issottolineat il-frustrazzjoni u l-inkwiet li prezentament ghaddej minnhom l-appellant u dan ghaliex meta nhariglu c-certifikat sabiex ikun jista` jahdem bit-taxi, huwa kien sahansitra issellef somma sostanzjali biex jixtri vettura tat-taxi. Fil-fatt, ftit tax-xhur wara, gie mgharraf mill-Awtorita appellata li ma setghatx tohroglu t-tag tat-taxi u dan ghaliex kellu l-licenzja revokata. Ghaldaqstant, l-appellant spicca f'pozizzjoni fejn ma jistax jahdem xoghlu skond kif iccertifikatu l-Awtorita` u dan ghaliex l-Awtorita` nnifisha qed izommlu t-tag tat-taxi u fl-istess hin irid jaghmel tajjeb ghall-obbligi finanzjarji li gew assunti minnu. Din it-tip ta` attitudni timpingi fuq id-dritt tal-appellant ghal xoghol, liema dritt fundamentali huwa protett bil-Kostituzzjoni ta` Malta;*

11. *Ghaldaqstant, l-appellant qieghed jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jirrikonsidra d-decizjoni mehuda mill-Awtorita` appellate u jirrevokaha, in toto jew in parte, skond kif jidhirlu xieraq, u dan taht kull provvediment iehor li l-istess Tribunal joghgbu jimponi."*

Ra r-risposta ta' Transport Malta datata 19 ta' Novembru 2015 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

*"*

1. *Preliminarjament, in-nullita' tal-att gudizzjarju pprezentat mir-rikorrent stante illi huwa pprezenta 'Rikors' waqt li dan l-Onorabbli Tribunal huwa vestit bil-gurisdizzjoni li jisma' u jitratta <u>appelli</u> minn decizjonijiet amministrattivi, u kwindi kellu jigi prezentat rikors ta' appell.*

2. *Preliminarjament ukoll, l-appell interpost huwa kompletament fuori termine stante illi d-decizjoni tal-Awtorita' rispondenti li tirrevoka l-licenzja tas-sewqan taht probation tal-appellant mill-10 ta' Gunju, 2011 u l-ittra tal-Awtorita' datata 5 ta' Novembru, 2015 mibghuta in risposta ghal ittra datata 16 t'Ottubru, 2015 spedita mill-konsulent legali tal-appellant bl-ebda mod ma tista' tigi interpretata jew meqjusa bhala id-decizjoni tal-Awtorita' ghall-finijiet tal-artikolu 40 tal-Kap. 499 tal-Ligijiet ta' Malta. Konsegwentement l-appell interpost mill-appellant ghandu jigi sommarjament michud stante li huwa kjarament u palezement fuori termine.*

3. *Prelimnarjament ukoll, it-talba kif dedotta hija legalment insostenibbli stante illi hija kompletament priva minn kwalsijasi kjarezza u ma jiftiehemx x'qieghed jitlob jew jippretendi l-appellant li qed ihalli f'idejn dan l-Onorabbli Tribunal biex jiddeciedi jekk jirrevokax id-decizjoni tal-Awtorita' in toto jew inkella in parte.*

4. *Illi, sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, l-appell tar-rikorrent ghandu jigi michud bl-ispejjez kollha kontra tieghu stante illi d-decizjoni mehuda mill-Awtorit'a fl-10 ta' Gunju, 2011 li tirrevoka l-licenzja tas-sewqan taht probation tal-appellant hija wahda gusta, korretta u skond il-ligi, u dank if se jigi ampjament ippruvat (jekk ikun il-kaz) waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell.*

5. *Illi l-Awtorita' rispondenti tirrileva illi –*

*(i)* *l-appellant kien debitament inghata l-kontro-parti tal-licenzja, kuntrarjament ghal dak minnu allegat;*

*(ii)* *a tenur tar-Regolament 40(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.18, "id-detentur tal-liċenza tas-sewqan bi prova jkun meħtieġ jippreżenta l-kontroparti tal-liċċnza tas-sewqan bi prova lill-Awtorità, fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol mid-data minn meta jinstab ħati tal-kontravenzjoni, jew fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn meta jħallas il-penali kif hemm provdut fl-artikolu 25 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku jew fl-artikolu 14 ta' l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, kif ikun il-każ, biex jitniżżlu l-punti ta' penali fuq dik il-kontroparti". Konsegwentement huwa obbigu pozittiv impost mil-ligi fuq il-licenzjatarju li marte propria jipprezenta lill-Awtorita' l-kontro-parti sabiex jitnizzlu fuqha l-penali u kwindi l-argument tal-appellant li jipprova b'xi mod jassolvi ruhu billi jtenni illi l-Awtorita' naqset milli tibghat ghalih sabiex il-punti penali jigu mnizzla fuq il-kontro-parti tal-licenzja huwa, f'termini legali, kompletament assurd u bla ebda bazi ta' xejn;*

*(iii)* *l-argument tal-appellant illi l-Awtorita' naqset milli tivverifika jek effettivament kienx hu l-persuna li qed issuq il-vettura meta gew kommessi l-kontravenzjonijiet huwa wkoll legalment bla bazi stante illi l-kontavenzjonijiet effettivament jew gew ammessi jew inkella nstabet htija fuqha u thallsu l-multi inflitti u l-Awtorita' m'ghandah assolutament ebda dmir illi tivverifika min kien qed isuq il-vettura o meno meta gew kommessi tali kontravenzjonijiet, u japplikaw il-provvedimenti ta' Regolament 41 ta' L.S. 65.18. Dak li tista' tghid bic-cert l-Awtorita' hu li, minn verifiki maghmula, l-appellant baqa' jsuq u jaghmel uzu mill-vettura registrata fuq ismu minkejja li l-licenzja tieghu ilha s-snin li giet revokata, u dank if anke ammess minnu stess fil-prezenza ta' ufficjali tal-Awtorita', u dan kollu kif, jekk ikun mehtieg, se jigi ampjament ippruvat;*

*(iv)* *lanqas mhuwa minnu illi l-Awtorita' naqset milli tinforma lill-appellant bid-decizjoni taghha li tirrevoka l-licenzja tas-sewqan tieghu bi probation ghalkemm jerga' jigi ribadit li, in ogni caso, kien l-obbligu tal-appellant li jipprovdi lill-Awtorita' l-kontro-parti tal-licenzja fi zmien ghaxart ijiem ta' xoghol mid-data li fiha huwa hallas kull penali li giet fuqu inflitta, xi haga li l-appellant kjarament naqas milli jaghmel u b'tali mod anke rrenda ruhu hati ta' reat per se a tenur tar-Regolament 40(4) ta' L.S. 65.18.*

6. *Illi l-argument sollevat mill-appellant fil-paragrafu 9 tar-rikors tieghu rigwardanti c-certifikat tal-customer care lilu mahrug mill-Awtorita' fit-22 ta' Marzu, 2014 huwa kompletament irrilevanti ghall-vertenza odjerna. Tali certifikat ma jfisser assolutament*

*xejn ghajr illi huwa attenda ghall-kors u ghadda minnu. Bl-ebda mod ma jhassar il-fatt illi l-licenzja tieghu tas-sewqan taht probation kient ilha revokata minn Gunju, 2011 !*

7. *Illi ghal dawn il-motivi kollha t-talba tal-appellant ghandha tigi michuda bl-ispejjez kollha kontra teighu stante li hija legalment insostenibbli, prezentata fuori termine u kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt. "*

Ra l-affidavit ta' Jean Pierre Caruana, ta' Daniel Caruana, ta' Dorian Flores u ta' George Caruana u sema' l-kontro-ezami tal-istess xhieda;

Sema' x-xhieda ta' Jamie Portelli, ta' Sylvana Bartolo u ta' Tania Xuereb;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ipproceda b'dan ir-rikors peress li hassu aggravat b'decizjoni tal-Awtorita` intimata li rrevokatlu l-licenzja tas-sewqan bi prova stante li kien akkumula iktar minn tnax-il punt penali fuq il-licenzja tieghu. Illi **r-rikorrent** jiddikjara illi huwa sar jaf b'din ir-revoka f'Ottubru 2015 meta mar gewwa l-ufficini ta' Transport Malta biex ihallas it-*tag* tal-permess ta' taxi u gie nfurmat li l-licenjza tas-sewqan tieghu kienet giet revokata. Ghaldaqstant huwa kkonsulta mal-avukat tal-fiducja tieghu li kitbet ittra lill-Awtorita` intimata fis-16 ta' Ottubru 2015, liema ittra giet imwiegba mill-istess Awtorita` fil-5 ta' Novembru 2015 (esebita bhala Dok A mar-rikors promutur). Illi r-rikorrent jikkontendi li fil-perjodu meta nhargitlu l-licenzja bi prova huwa kellu xejn inqas minn hames (5) vetturi registrati fuq ismu u li l-istess vetturi kienu jigu misjuqa minn persuni ohra, fosthom missieru, huh u l-imghallem tieghu. Jghid ukoll illi fl-2014 l-Awtorita` intimata hargitlu l-permess ta' xufier ta' vetturi zghar tal-passiggieri u ghal kuccier tal-karozzini. Jispjega illi r-revoka tal-licenzja tas-sewqan holqitlu inkwiet kbir stante li wara li kien inhariglu permess biex jahdem bit-*taxi*, huwa kien issellef somma sostanzjali biex jixtri vettura tat-*taxi*. Mistoqsi in kontro-ezami jekk kienx jaf li jekk jaqla' c-citazzjonijiet huwa kien se jehel il-punti, ir-rikorrent qal li qatt ma kien ta kaz. Jispjega illi ma jiftakarx liema citazzjonijiet kien qala huwa u lanqas jiftakar li fl-2011 kien mar l-Awtorita` intimat bil-kontroparti tal-licenzja biex jitnizzlu fuqha l-punti ta' penali.

**Daniel Caruana, George Caruana u Dorian Flores**, li jigu hu, missier u l-imghallem tar-rikorrent rispettivament, ilkoll ikkonfermaw illi bejn is-sena 2010

u l-2015 ghamlu uzu minn vetturi li kienu jghajjtu lir-rikorrent u li meta qalghu xi citazzjoni waqt li kienu qed isuqu l-istess vetturi dejjem hallsuha huma.

**<u>Sylvana Bartolo</u>**, *senior manager* mal-Awtorita` intimata, stqarret illi fl-10 ta' Gunju 2011 ir-rikorrent kien lahaq tnax-il punt ta' penali u dan waqt li kien ghadu ghaddej il-perjodu tal-licenzja tas-sewqan bi prova. Wara huwa kompla jakkumula l-punti ta' penali. Tispjega illi bhala Awtorita`, meta persuna li jkollha licenzja tas-sewqan bi prova takkumula tliet (3) punti ta' penali jew izjed, huma jibghatulu awtomatikament ittra biex huwa jiehu l-kontroparti tal-licenzja ghand l-Awtorita` intimata ghal *update*. Din il-kontroparti tinghata lill-persuna li tkun applikat ghal-licenzja qabel tohrog il-licenzja proprja u li ladarba sewwieq jakkumula tnax-il punt ta' penali l-Awtorita` tibghat ittra sabiex is-sewwieq jiehu l-licenzja lura lill-Awtorita`. Tispjega li r-rikorrent dan m'ghamlux minkejja li l-Awtorita` intimata bghatitlu diversi ittri u sahanistra anke kitbet lill-Kummissarju tal-Pulizija. Tghid li f'Ottubru 2015 ir-rikorrent kien mar l-ufficju tal-Awtorita` u qal lil impjegata tal-istess Awtorita`, certa Tania Xuereb, li ma riedx jaghti l-licenzja tas-sewqan lura tant li sa dakinhar li xehdet kien akkumula hamsa u erbghin (45) punt. Meta raw hekk, l-Awtorita` regghet kitbet lill-Kummissarju tal-Pulizija. In kontro-ezami ix-xhud tispjega li l-Awtorita` ma tkunx taf min effettivament hallas ic-citazzjonijiet li eventwalment attiraw il-punti ta' penali fuq il-licenzja tar-rikorrent. Tispjega wkoll illi kien hemm okkazjoni wahda biss fejn ir-rikorrent kien ha l-licenzja l-Awtorita` intimata biex jitnizzlulu fuqha l-punti ta' penali.

**<u>Tania Xuereb</u>**, skrivana mal-Awtorita` intimata, xehdet illi fit-12 ta' Ottubru 2015 ir-rikorrent kien mar l-ufficini tal-Awtorita` intimata u rrifjuta li jaghti lura l-licenzja jew jaghti dikjarazzjoni li tilef il-licenzja u kien qalilha li qed isuq u jrid jibqa' jsuq u hi ghalhekk dahhlet kumment fis-sistema tal-Awtorita` b'din l-incidenza.

**Ikkunsidra:**

Illi l-Awtorita` intimata eccepiet zewg eccezzjonijiet preliminari, bl-ewwel wahda illum hija sorvolata bil-korrezzjoni ordnata minn dan it-Tribunal fil-21 ta' Jannar 2016.

Illi t-tieni eccezzjoni hija jekk ir-rikorrenti ipprezentax ir-rikors ta' l-appell tardivament stante li skond l-Awtorita` intimata il-licenzja bi prova giet revokata fl-10 ta' Gunju 2011 u cioe` meta r-rikorrent kien akkumula tnax (12)-il punt penali jew izjed.

Illi ai termini tal-artikolu 40 tal-Kapitolu 499 (Att Dwar l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta) tal-Ligijiet ta' Malta:-

*"(1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att Dwar il-Gustizzja Amministrattiva jkollu l-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi:*

*(a) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni tal-Awtorità li tiċħad milli tagħti jew iġġedded, jew li tissospendi jew li* ***tirrevoka*** *awtorizzazzjoni, jew* ***liċenza*** *jew permess, jew li timponi kondizzjonijiet, limitazzjonijiet jew esklużjonijiet f'liċenza; u*

*(b) appelli magħmulin minn xi persuna li tħoss ruħha aggravata b'xi piena amministrattiva jew ta' xort'oħra imposta fuq dik il-persuna mill-Awtorità:*

*Iżda, sakemm mhux preskritt bil-liġi,* ***appell li jiġi preżentat skont id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jiġi preżentat fi żmien għoxrin gurnata minn meta tkun ġiet riċevuta d-deċiżjoni tal-Awtorità****."*

Illi mid-dokumentazzjoni pprezentata mill-Awtorita` intimata jidher illi fl-10 ta' Mejju 2011 intbaghet ittra lir-rikorrent sabiex jikkonsenja l-licenzja bi prova u kif ukoll il-kontroparti tal-licenzja immedjatament. Madankollu r-rikorrent jinnega li qatt ircieva din l-ittra. Min-naha l-ohra l-Awtorita` intimata m'ghandha l-ebda prova li din l-ittra fil-fatt waslet ghand ir-rikorrent stante li ma ntbaghtitx bil-posta registrata, a differenza ta' dak li qed isir illum il-gurnata. Kopja tal-ittra awtomatika li tintbaghat lil kull min ikollu l-licenzja tas-sewqan bi prova revokata giet esebita in atti a fol. 117.

Illi l-ligi titkellem car minn meta jibda ghaddej it-terminu ta' l-appell, u cioe` ghoxrin gurnata minn meta tkun **giet ricevuta** d-decizjoni tal-Awtorita`.

Illi l-Kapitolu 499 jistabilixxi, *inter alia*, l-mod kif l-Awtorita ghandha tagixxi meta tkun se tirrevoka licenzja ta' kwalunkwe tip. Infatti, ai termini tal-artikolu 46 (6) tal-imsemmi Kapitolu *"meta l-Awtorita` tkun qed tipproponi li tichad li taghti jew iggedded licenza, jew li tissospendi* ***jew thassar licenza****, hija ghandha* ***tavza b'dan lill-applikant jew lid-detentur tal-licenzji****,*[1] *taghti r-ragunijiet ghal dik ic-cahda, sospensjoni jew revoka u ghandha tikkunsidra kull osservazzjoni li ssir bil-miktub mill-applikant jew mid-detentur tal-licenza fi zmien erbatax-il jum minn dik in-notifika."*

Iktar minn hekk, ai termini tal-artikolu 46 (7) tal-Kapitolu su citat *"Jekk l-Awtorità, wara li tkun qieset dawk l-ilmenti jew x'uħud minnhom, tiddeċiedi li tiċħad li tagħti jew iġġedded liċenza jew awtorizzazzjoni jew li tissospendi jew tirrevoka l-liċenza jew awtorizzazzjoni, hija għandha tavża lill-applikant jew lid-detentur bid-deċiżjoni tagħha u tagħti r-raġunijiet għal dik id-deċiżjoni li tkun ser twassal għal dik is-sospensjoni jew revoka u tinformah dwar il-proċedura biex ikun jista' jsir appell minn dik id-deċiżjoni."*

It-Tribunal fela sew id-dokumenti pprezentati u l-unika ittra mill-Awtorita` intimata li hemm indirizzata lill-konsulent legali tar-rikorrent dwar din il-kwistjoni

[1] Enfasi tat-Tribunal

hija dik datata 5 ta' Novembru 2015 li permezz taghha l-istess konsulent giet mgharrfa illi l-punti ta' penali jigu mposti mill-Qorti tal-Magistrati jew mill-Kummissarju ghall-Gustizzja u mhux mill-Awtorita` intimata.[2] Din l-ittra kienet b'risposta ghal ittra ohra li kitbet l-istess difensur tar-rikorrent lill-Awtorita` intimata fis-16 ta' Ottubru 2015, liema ittra pero` qatt ma giet pprezentata fl-atti.

Illi jibqa' l-fatt illi ma ngabet l-ebda prova konkreta illi r-rikorrent ircieva l-ittra li kienet tikkontjeni d-decizjoni li permezz taghha giet revokata l-licenzja tas-sewqan anke jekk bhala fatt ir-rikorrent sar jaf li din giet revokata meta mar biex jigbor it-tag bhala sewwieq ta' *taxi*. Madankollu biex jibda ghaddej it-terminu tal-appell irid ikun hemm prova li r-rikorrent ircieva d-decizjoni tal-Awtorita`, prova li fl-opinjoni tat-Tribunal ma saritx.

Illi ghalhekk, fin-nuqqas ta' prova meta r-rikorrent gie notifikat formalment bid-decizjoni tal-Awtorita` intimata li kienet qed tirrevokalu l-licenzja bi prova, fl-opinjoni tat-Tribunal l-appell ma giex ipprezentat tardivament.

Illi t-tielet eccezzjoni tal-Awtorita` intimata hija fis-sens illi t-talba kif dedotta hija legalment insostenibbli stante li qieghed jintalab li dan it-Tribunal jirrevoka *in toto* jew *in parte* d-decizjoni appellata. Illi ghalkemm it-Tribunal jista' jifhem sa certu punt din l-eccezzjoni ghaliex dak li jista' jaghmel it-Tribunal f'dan il-kaz huwa li jirrevoka totalment jew le d-decizjoni appellata, ma jqisx illi b'daqshekk it-talba hija legalment insostenibbli u ghaldaqstant qieghed jichad anke din l-eccezzjoni.

Illi ghalhekk it-Tribunal sejjer issa jinvesti l-mertu tal-appell.

Illi r-rikorrent jishaq illi l-punti ta' penali gew akkumulati ghax minbarra hu, l-vetturi registrati fuq ismu, kienu juzawhom ukoll terzi persuni li lkoll xehdu f'dawn il-proceduri. Madankollu, ghalkemm ilkoll xehdu li kienu juzaw l-istess vetturi hadd minnhom ma kien jaf jghid lit-Tribunal b'mod car liema citazzjonijiet kien ha r-responsabbilita` taghhom hu. Lanqas ma ngabet xi prova li fil-fatt l-istess citazzjonijiet kienu thallsu minn dawn it-terzi. Illi ghaldaqstant dan it-Tribunal ma jhossx illi r-rikorrent irnexxielu jipprova dak allegat minnu. It-Tribunal jaghmel referenza wkoll ghall-fatt illi anke meta mitlub verbalment mill-impjegati tal-Awtorita` intimata biex jirritorna l-licenzja tas-sewqan bi prova huwa rrifjuta li jaghmel dan anzi qalilhom li kien se jibqa' jsuq. Dan ma jirrifletti xejn tajjeb fuq is-sitwazzjoni prekarja li kien fiha. Huwa wkoll inverosimili li r-rikorrent jallega li ma nghatax il-kontro-parti tal-licenzja meta huwa kiseb il-licenzja tas-sewqan bi prova, u dan stante li mid-dokumentazzjoni pprezentata jirrizulta illi fit-23 ta' Mejju 2011 l-istess kontro-parti giet *updated* wara li r-rikorrent kien qala' xi citazzjonijiet.

[2] Dokument A a fol. 6

Illi ghalhekk, in linea mal-principju li min jallega irid jipprova, dan it-Tribunal mhux qieghed jaccetta s-sottomissjoni illi l-kontravvenzjonijiet in kwistjoni gew imwettqa minn terzi u mhux mill-appellant. Illi anke, *dato ma non concesso,* illi l-istess kontravvenzjonijiet gew imwettqa minn terzi, kien huwa li qed jircievi t-tahrikiet ghall-istess pero` jirrizulta illi huwa baqa' inattiv u l-maggor parti minnhom jirrizulta li ma kkontestahomx *a tempo vergine* bil-possibilita` li f'dak l-istadju jressaq il-provi li skond hu setghu jiskolpawh mill-pieni li eventwalment wasslu ghall-imposizzjoni tal-punti penali fuq il-licenzja bi prova tieghu.

Illi ghaldaqstant it-Tribunal ihoss li d-decizjoni tal-Awtorita` intimata biex tirrevoka l-licenzja tas-sewqan bi prova kienet wahda gusta u legali.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita` intimata, jichad it-tieni u t-tielet eccezzjoni u jichad ukoll l-appell tar-rikorrent filwaqt li jilqa' r-rimanenti eccezzjonijiet.

Bl-ispejjez in kwantu tlett kwarti ghar-rikorrent u kwart ghall-Awtorita` intimata.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**